# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

Illum, 2 ta’ Mejju 2016

Il- Pulizija<br>(Spettur Fabian Fleri)<br>-vs-<br>Domenic Cuschieri<br>karta ta’ identita 71216M

Il-Qorti,

Rat in-nota tas-26 ta’ Frar 2016 tal-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon prezentata ai termini ta’ l-artikolu 21 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’liema nota l-Qorti giet infurmata li Domenic Cuschieri naqas li joqghod ghall-htigijiet ta’ ordni mghoti u naqas li li jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga.

Rat l-Ordni ta’ Probation u s-sentenza mghotija f’l-1 ta’ Dicembru 2014 fil-konfront ta’ Domenic Cuschieri.

Rat l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti l-ohra kollha.

Semghat il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi din hija denunzja li qed isir fil-konfront ta’ Domenic Cuschieri.

Illi mill-provi jirrizulta li Domenic Cuschieri mhux qed joqghod ghall-htigijiet ta’ l-ordni tal-probation. Huwa mhux biss mhux qed imur ghall-appuntamenti ma’l-ufficjal tal-probation imma aghar minn hekk lanqas m’hu qed joqghod ghad-direttivi lilu mghotija dwar kura mehtiega minhabba vizzju tad-droga.

Illi din il-Qorti kienet poggiet lil Cuschieri taht ordni ta’ probation minkejja l-fedina penali tieghu peress li kien indika li huwa kien lest li jibda programm ta’ riabilitazzjoni. Il-Qorti kienet lesta taghtih l-ahhar opportunita biex jaghmel dan sa biex tghinu fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Illi mid-depozizzjoni tal-probation officer, anke dik mghotija llum, jidher car li Cuschieri m’ghamel xejn biex jibda jindirizza l-problema tad-droga u dan anke fil-mori ta’ din id-denunzja meta kien jaf ezattament x’setghu ikunu l-konsegwenzi ta’ ghemilu.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi jidher car li l-ghan ta’l-ordni tal-probation mhux qed jintlahaq u, mill-attitudni tieghu, jidher li z-zamma fis-sehh tal-probation mhux ser ikollha l-effett mixtieq ghaliex Cuschieri ma jidhirx li huwa lest li joqghod ghall-htigijiet ta’l-ordni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lil Domenic Cuschieri hati li ma qaghadx ghall-htigijiet ta’ l-ordni tal-probation u taghzel li titratta mieghu ghar-reati li taghhom instab hati f’l-1 ta’ Dicembru 2014 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u fil-waqt li tikkonferma is-sejbin ta’ htija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D.**
**MAGISTRAT**